**<u>Mozzjoni sabiex jiġu diskussi u dibattuti r-relazzjonijiet diplomatici preżenti fis-sitwazzjoni politika li għaddejja bejn pajjiżna u dak ġirien tagħna l-Libja.</u>**

**160. L-Onor Carm Mifsud Bonnici u L-Onor David Agius jipproponu li:**

Din il-Kamra:

Tinnota b'mod partikolari li diversi persuni ċittadini Maltin qegħdin fil-periklu għal ħajja tagħhom fil-Libja u li jidher ċar li l-Ambaxxata Maltija mhix qiegħda tagħti ebda assistenza.

Tinnota li f'dawn l-aħħar xhur u b'mod partikolari f'dawn l-aħħar jiem, is-sitwazzjoni politika fil-Libja żviluppat f'direzzjonijiet fejn l-instabbilità politika u ekonomika tagħha huma differenti u l-isfidi kibru.

Tinnota ukoll li l-Gvern Malti għadu ma rreferix fuq dan fil-Kamra tad-Deputati u fuq dan l-Oppożizzjoni tħoss li għandu jkun hemm dibattitu liberu u informattiv fuq dak li huwa għaddej.

Tinnota b'mod partikolari:

1. B'dak li allegatament żviluppa fil-Konsolat Malti;

2. B'dak li qed jiġi msejjaħ bħala traffikar illegali u inkontrollat ta' żejt lejn pajjiżna minn dan il-pajjiż; u

3. Bil-komplikazzjonijiet marbuta mal-immigrazzjoni irregolari.

Tinnota iktar li dan l-aġir jekk ma jittieħdux il-passi opportuni jaf iwassa1 sabiex jkun hemm tnaqqis mir-relazzjonijiet diplomatiċi eċċellenti ta' pajjiżna mal-ġirien tagħna u li taf timmina wkoll l-isforzi u rapport kummerċjali ta' diversi negozjanti Maltin u Għawdxin.

Għalhekk tipproponi li din il-Kamra tirriżolvi:

*L-ewwel* li din il-mozzjoni tiġi mill-aktar fis possibbli appuntata sabiex din is-sitwazzjoni tiġi liberament dibattuta u li fiha l-Gvern ikun trasparenti u jinforma l-Kamra x'inhuwa jagħmel, u x'qed jiġri fl-investigazzjonijiet li għaddejjin;

*It-tieni* li jinforma l-Kamra x'passi ttieħdu u jagħti l-assigurazzjonijiet neċessarji li r-rapporti diplomatiċi qed jiġu kultivati mill-ġdid; u

*It-tielet* li jinforma l-Kamra x'passi, x'assistenza u investiment qed jiġu meħuda mill-Gvern sabiex ir-rapporti kummerċjali mal-Libja jiġu msaħħa u mhux perikolati.

16.07.14

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, ressaq din l-emenda:**

Fl-aħħar tal-mozzjoni għandu jiżdied dan il-paragrafu li ġej:-

> *Ir-raba'* li l-Gvern jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-persuna ta' nazzjonalità Maltija li nħatfet fil-Libja tiġi liberata mill-aktar fis possibbli u tinġieb Malta qawwija u sħiħa.

25.07.14

**Skont il-ftehim milħuq, id-diskussjoni fuq din il-mozzjoni, kif emendata, kienet eżawrita f'Seduta 184, Il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2014.**